MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 350/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rueben Alessandro Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Rueben Alessandro Abela talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzjoni wahda u cioe` talli:

(1) nhar-il 10 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tas-01:30 hrs ta' filghodu, fi Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta' *handbag*, b'kontenut ta' *mobile phone* ta' l-ghamla Samsung GTS – 5230 valur ta' €190, flus kontanti u oggetti personali, liema serq huwa kkwalifikat

bil-hin u dan sar ghad-dannu ta’ Kristienne Camilleri u/jew persuni ohra;

(2) gewwa Paceville, San Giljan f’xi hin bil-lejl f’xi zmien matul ix-xahar ta’ Ottubru 2009 ikkommetta serq ta’ *camera* digitali minn gewwa l-Bar Cube, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u dan sar ghad-dannu ta’ persuna u/jew persuni mhux maghrufa;

(3) gewwa Paceville, San Giljan f’xi hin bil-lejl f’xi zmien matul ix-xahar ta’ Ottubru 2009 ikkommetta serq ta’ *camera* digitali minn gewwa l-Bar Cube, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u dan sar ghad-dannu ta’ persuna u/jew persuni mhux maghrufa;

(4) gewwa Paceville, San Giljan f’xi hin bil-lejl f’xi zmien matul ix-xahar ta’ Ottubru 2009 ikkommetta serq ta’ *mobile phone* ta’ l-ghamla LG Shine minn gewwa l-Bar Clique, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u dan sar ghad-dannu ta’ persuna u/jew persuni mhux maghrufa;

(5) kiser il-provvedimenti ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu fl-10 ta’ Settembru 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Lulju 2010 li permezz taghha, wara li rat l-artikoli 261, 270, 31 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannat lill-imsemmi Rueben Alessandro Abela ghall-piena karcerarja ta’ seba` (7) xhur u, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9, ikkundannatu ghall-hlas ta’ spejjez peritali fl-ammont ta’ €1,200;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-imsemmi Rueben Alessandro Abela pprezentat fis-26 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija fl-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra

tieghu u l-piena tigi mhassra u revokata u tigi applikata piena anqas harxa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis harxa zzejjed. Jghid li huwa minnu li meta jkun hemm ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti huwa xi ftit jew wisq "antipatiku" appell mill-piena. L-appellant jghid bla tlaqliq li l-ewwel Qorti kellha raguni meta waslet ghall-konkluzjoni li huwa kellu jinghata piena ta' prigunerija effettiva, izda l-perijodu ta' seba' xhur huwa esagerat fic-cirkostanzi. Ma kellux ghalfejn jinghata daqshekk biex isservi ta' tbezbiza kif suggerit mill-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon.

Jinghad l-ewwelnett illi s-sentenza appellata nghatat wara ammissjoni inkondizzjonata ta' l-appellant fl-ewwel seduta li fiha deher quddiem l-ewwel Qorti, ammissjoni li ppersista fiha anke wara li dik il-Qorti tatu zmien xieraq biex jikkunsidra tali ammissjoni. Bhalma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004[1]:

**"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-**

[1] Ara wkoll, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta' Dicembru 2003; **Il-Pulizija v. Emmanuele Magro**, 2 ta' Gunju 2004

**piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."**

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-appellant ammetta imputazzjonijiet ta' serq aggravat bil-hin. Il-piena applikabbli ghar-reat ta' serq akkompanjat bil-hin huwa ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn skond l-artikolu 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress illi hawn si tratta ta' reat kontinwat, il-piena tista' tizdied bi grad ghal perijodu ta' prigunerija minn disa' xhur sa tliet snin jew b'zewg gradi ghal perijodu ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin. Imbaghad l-appellant gie anke akkuzat bi ksur tal-kondizzjonijiet ta' *probation* li nghata fl-10 ta' Settembru 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. B'dik is-sentenza huwa kien instab hati ta' zewg serqiet, wahda kkwalifikata bil-hin u bil-valur li jeccedi elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), u ohra kkwalifikata bil-hin. Fil-kaz ta' l-ewwel serqa, il-piena applikabbli hi dik ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin li ma tinghatax fil-*minimum*, u ghalhekk il-piena tkun ta' mhux anqas minn tlieta u ghoxrin xahar u ghoxrin gurnata. Dan ifisser illi, anke bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel Qorti applikat piena li hija <u>ferm</u> taht il-*minimum*. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju illi mhuwiex possibbli li l-piena tonqos aktar minn dik li nghatat mill-ewwel Qorti.

Issa, mill-atti jirrizulta illi l-ewwel Qorti kienet ordnat li jithejja *pre-sentencing investigation report*. Dan thejja mill-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon li rrakkomandat li l-appellant jinghata piena karcerarja fil-minimu taghha peress illi l-ftit jiem li kien ghamel taht arrest preventiv kienu diga` servew ta' tbezbiza ghalih.

L-ewwel Qortri nnominat ukoll lill-psikjatra Dr. Joseph Spiteri sabiex jikkollabora ma' l-ufficcju tal-*probation* ghall-finijiet ta' l-imsemmi rapport. Effettivament Dr. Spiteri hejja rapport dettaljat fejn jirrizulta s-segwenti djanjosi dwar l-appellant:

**"Jidher car illi Reuben Alessandro Abela kien ibati minn *Conduct Disorder* illi tul iz-zmien u issa specjalment wara li ghalaq it-18-il sena, hekk kif skond id-djanjosi tirrikjedi, jidhru cari sintomi ta' *Personality Disorder* partikolarment *Psychopathic Personality Disorder (anti-social)*. Dan huwa konfermat bil-*maladaptive behaviour* li huwa *ingrained* jigifieri fil-fond, li huwa impulsiv, li ma jitghallimx mill-esperjenzi li ghadda minnhom, partikolarment li nghata *probation order* li diga` kisirha f'qasir zmien u li mhux kapaci jkollu relazzjonijiet intensivi ma' persuni. Dawn il-kundizzjonijiet huma rikjesti fid-djanjosi tal-*Personality Disorder (anti-social)*."**

Dr. Spiteri rrakkomanda li l-appellant ikollu *boundaries* cari u li s-sorveljanza tieghu tkun ristretta hafna. "Ghalkemm sentenza karcerarja ma ssolvix dawn il-problemi kollha, jidher illi apparti din ta' l-ahhar ma jezistux istituzzjonijiet li joffru dan is-servizz" lill-appellant. Ta' l-istess fehma huwa l-psikologu kliniku u psikoterapewtiku Dr. Edward Curmi kif jidher mir-rapport ipprezentat minnu.

Dan kollu kien a konjizzjoni ta' l-ewwel Qorti li qieset li l-unika piena li setghet timponi fil-fatt kienet dik ta' prigunerija effettiva. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddipartixxi mill-hsieb ta' l-ewwel Qorti u, stante li l-piena nflitta hija ferm taht il-*minimum* u ma jezistux cirkostanzi li jistghu jwasslu lil din il-Qorti – a tenur ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta – tnaqqas il-piena ulterjorment, tqis li s-sentenza appellata timmerita konferma. **Naturalment, in vista ta' l-eta` ta' l-appellant u tal-problemi psikologici u psikjatrici li jehtigulu ghajnuna psikologika u/jew psikjatrika, ghandu jitqies bhala *a vulnerable person* u d-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin jipprovdilu l-ghajnuna mehtiega.**

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------